MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Mandat Numru. 1386/2008/1

**Filippo Cilia u Maria Cilia**

**vs**

**Mary Falzon u b`digriet tat-18 ta` Settembru, 2008, il-Qorti laqghet it-talba sabiex isem l-intimata jinqara Mary Falzon sive Falzon Tonna u b`digriet tas-16 ta` Ottubru, 2008, il-Qorti awtorizzat korrezzjoni f`isem tal-intimat biex jinqara "Joseph Tanti fil-kwalita` tieghu ta` mandatarju specjali tal-assenti Mary Tonna"**

Il-Qorti:

Regghet rat ir-rikors tal-10 ta` Settembru, 2008;

Rat id-digriet preliminari taghha tal-10 ta` Settembru, 2008, li bih, fost affarijiet ohra, laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament;

Rat ir-Risposta tal-intimat, ippresentata fit-30 ta` Ottubru, 2008;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Premess illi l-ghan ta` talba ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tkun li tista` tkun ta` hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-Mandat. Bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta` Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-Mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi, u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta` mandat bhal dak;

Peress li fil-fehma taghha jikkonkorru r-rekwiziti tas-subartikolu (2) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta u dan ghax il-mandat mitlub jidher li hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, tilqa` t-talba ghall-hrug tal-mandat, b`dan, pero`, li l-intimat nomine huwa awtorizzat (stante l-hsarat kbar li jidher li ghandu s-saqaf in kwistjoni) sabiex jaghmel xoghol ta` twaqqih u rikostruzzjoni tas-saqaf basta li dan ix-xoghol ta` twaqqih **u** rikostruzzjoni jitlesta kollu fiz-zmien ghoxrin (20) jum minn meta jimbeda, fis-sens li ghoxrin jum wara li jitwaqqa s-saqaf, l-istess saqaf irid ikun rega` inbena kif inhu illum sabiex ikun jista` jintuza mir-rikorrenti kif qed issir sallum;

Spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------